MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1127/1997/1

**E.T. Investments Limited u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2002**
**l-atti gew trasfuzi f'isem "Maltese Cross Co. Ltd."**

**v.**

**Joseph u Rosina konjugi Cassar u L & D Attard Company Ltd.**
**u b'digriet tas-6 ta' Marzu, 1998 giet kjamata in kawza s-socjeta`**
**"Silver Craft Limited" u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 2002 l-isem tas-**
**socjeta` gie mibdul ghal "Silver Craft Products Ltd."**

Il-Qorti:
Wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar il-kwistjoni tan-notifika ta’ Joseph Cassar bir-rikors ta’ l-appell; tosserva li d-disposizzjoni invokata minn Dr. Toni Abela ghall-appellant, u cioe` l-Art. 187 tal-Kap. 12 u partikolarment it-tieni proviso tas-subartikolu (1), ma japplikax ghall-kaz in kwantu dan japplika biss meta r-rifjut isir mill-persuna li lilha tkun personalment indirizzata l-iskrittura, u mhux bhal fil-kaz in ezami meta r-rifjut sar minn mart, gia` separata fid-data tat-tentattiv ta’ notifika, Joseph Cassar.

Ifisser li Joseph Cassar qatt ma gie notifikat bir-rikors ta’ l-appell, u l-appellant seta’ kien jaf b’dan kollu sa mis-6 ta’ Lulju 2004, id-data tar-riferta negattiva.

Ifisser ghalhekk li parti fil-kawza li kellha tigi notifikata bir-rikors ta’ l-appell baqghet ma gietx hekk notifikata – fatt dan, sollevabbli *ex officio* mill-Qorti.

Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-Art. 963 (5)(a) tal-Kap. 12, tiddikjara l-kawza dezerta fit-termini ta’ l-imsemmija disposizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------